MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 345/2013

**Dr David Gonzi bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Destel Marine Limited irregistrata gewwa l-Liberja**

**Vs**

**Il-Bastiment M.V. Archon G registrat taht il-bandiera Komorjana u li ghandu IMO Nru 7628875 u Call Sign D6GS6 u tunnellagg gross ta' 3424**.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-11 ta' April 2013 l-attur nomine qieghed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf tmien mija u disgha u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu

(22,869.78) ekwivalenti skond ir-rata ta' kambju vigenti ghas-somma ta' disgha u ghoxrin elf u sebgha mija u tnejn dollaru Amerikan u disgha u tmenin centezmu (US$ 29,702.89). Talab ukoll li r-rikors guramentat jiġi deciz skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża (Artikolu 167 tal-Kodici Civili). L-attur nomine ppremetta li l-hlas hu dovut bhala prezz ta' *bunker* u *fuel oil* mibjugh u kkonsenjat lill-bastiment konvenut kif jirrizulta mid-dokumenti DG1, DG2 u DG3. Il-hlas kellu jsir fi zmien tletin (30) jum mill-konsenja li saret fis-17 ta' Jannar 2013 u d-debitu sar dovut fil-15 ta' Frar 2013.

Jirrizulta li ghalkemm saret in-notifika[1] hadd ma deher in rapprezentanza tal-bastiment.

Skond l-Artikolu 170 tal-Kodici fejn il-konvenut jibqa' kontumaci, il-qorti ghandha tiddeciedi minnufih, billi tilqa' t-talba tal-attur.

Wara li l-qorti semghet lill-attur nomine u rat l-atti, tqies li t-talba hi gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tal-attur nomine u tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf tmien mija u disgha u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (22,869.78), bl-imhgax mill-15 ta' Frar 2013.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Skond ir-riferta datatat 3 ta' Mejju 2013 in-notifika saret lil-Kaptan tal-bastiment fit-2 ta' Mejju 2013.